REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1367

tal-4 ta' Ġunju 2015

li jemenda r-Regolament ta' Delega (UE) Nru 807/2014 dwar dispożizzjonijiet tranżitorji għal programmi tal-iżvilupp rurali 2007-2013

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 89 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 807/2014 ([2]) ħassar ir-Regolament (UE) Nru 1974/2006 ([3]). Madankollu, l-Artikolu 19 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 807/2014 jistipula li r-Regolament (KE) Nru 1974/2006 jkompli japplika għal operazzjonijiet implimentati li jsegwu programmi approvati mill-Kummissjoni skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ([4]) qabel l-1 ta' Jannar 2014.

(2) L-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1974/2006 jiffissa limitu massimu għal trasferimenti mill-Istati Membri tal-kontribuzzjoni tal-FAEŻR bejn l-assi ta' prijorità tal-programmi tal-iżvilupp rurali tagħhom u jiffissal-iskadenzi għan-notifika ta' tibdil bħal dan lill-Kummissjoni u għall-valutazzjoni ta' dawk il-bidliet mill-Kummissjoni.

(3) Id-diffikultajiet ekonomiċi kontinwi fl-Istati Membri kellhom impatt sinifikanti fuq il-prestazzjoni ta' assi ta' prijorità speċifika fi ħdan il-programmi tal-iżvilupp rurali tal-2007-2013.

(4) L-adozzjoni tard tal-bażi legali għall-perjodu ta' programmar il-ġdid ittardjat b'mod sinifikanti l-adozzjoni tal-programmi ta' żvilupp rurali għall-2014-2020, li b'hekk kompliet tnaqqas il-possibbiltajiet tal-Istati Membri li jappoġġaw l-ekonomiji rurali.

(5) Sabiex jinvestu r-riżorsi kollha possibbli fit-tkabbir u l-impjiegi, l-Istati Membri għandhom jitħallew jagħmlu użu mill-fondi li diġà ġew impenjati skont programmi kofinanzjati mill-Unjoni.

(6) Għaldaqstant huwa xieraq li tiżdied il-flessibbiltà għat-trasferimenti bejn l-assi.

(7) Għalhekk, ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 807/2014 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 19 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 807/2014, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"Fir-rigward tat-trasferimenti bejn l-assi, il-limitu ta' 3 % stabbilit fl-Artikolu 9(2) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 1974/2006 għandu jiżdied għal 5 %.

Fir-rigward tad-data ta' skadenza għan-notifika tal-bidliet fil-programm lill-Kummissjoni, id-data ta' skadenza tal-31 ta' Awwissu 2015 stabbilita fl-Artikolu 9(3) tar Regolament (KE) Nru 1974/2006 għanda tiġi estiża sat-30 ta' Settembru 2015.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487.

([2]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 807/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jintroduċi dispożizzjonijiet tranżitorji (ĠU L 227, 31.7.2014, p. 1).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1974/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 368, 23.12.2006, p. 15).

([4]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1).

Fir-rigward tad-data ta' skadenza tal-Kummissjoni għall-valutazzjoni tat-tibdiliet mitluba, il-perjodu ta' erba' xhur stabbilit fl-Artikolu 9(6) tar-Regolament (KE) Nru 1974/2006 għandu jiġi mnaqqas għal perjodu ta' tliet xhur."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Ġunju 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER